12 ta' Marzu, 1955

**Imħallef:**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincent Parnis *versus* Hugh Nandi

**Kwerela — Inġurja — Appell — Nullità**

*Sentenza tal-Maġistrat li tillibera lill-kwerelat minn akkuża magħmula kontra tiegħu għal inġurja fuq il-motiv illi "dak li jirriżulta mill-provi ma fiehx l-elementi tar-reat" tfisser li l-Maġis-*

*reat eskluda l-eżistenza tar-reat mhux fuq il-fatt "dedott", iżda fuq il-fatt kif "pruvat".*

*Għaldaqstant dik is-sentenza mhix appellabbli mill-kwerelant; u l-appell magħmul mill-kwerelant minn sentenza simili huwa irritu u null.*

Il-Qorti; — Rat il-kwerela magħmula mill-kwerelanti Vincent Parnis kontra l-kwerelat Hugh Naudi, u ċ-ċitazzjoni *fuqha bażata*, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'dawn l-aħħar tliet xhur il-kwerelat inġurja lill-kwerelanti b'għemil li jnaqqaslu l-fama u r-riputazzjoni tiegħu f'Każal Pawla;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 1955, *li biha sabet lill*-kwerelat mhux ħati u lliberatu; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tal-ewwel grad qalet hekk:— "Billi mill-provi dak li jirriżulta ma fiehx l-elementi ta' reat";

*Hu ndubitat, għalhekk,* li l-Maġistrat eskluda l-eżistenza ta' reat mhux fuq il-fatt "dedott", iżda fuq il-fatt kif "pruvat";

Del resto, appena seta' jeskludieħ fuq il-fatt dedott, għax la fill-kwerela li hemm fl-inkartament, u lanqas fiċ-ċitazzjoni *bażata fuqha*, ma hemm ebda fatt speċifikatament dedott bħala kaġun ta' l-inġurja allegata. Jingħad biss "għemil" in ġenerali;

Issa hi ġurisprudenza antika u paċifika ta' din il-Qorti illi, "per darsi adito all'appello da una sentenza della Corte Inferiore, è *mestieri* che la detta Corte di Primo Grado, nel formare il suo giudizio, abbia ritenuto che quei fatti, come allegati nella citazione, per sè stessi, e senza risul*tamenti* dalle prove', non consituiscono il reato dedotto";

Per konsegwenza, f'dan il-każ ma hux ammissibbli appell mill-parti *tal-kwerelant;*

Għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara l-appell irritu u null, u bħala tali tirrespinġieħ; bl-ispejjeż kontra l-kwere*lant.* Dritt tad-difensuri 12s. għall-unika seduta tal-lum.